bóala Qorti ta' Íudikatura Kriminali

MAÍISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)
vs
Carmel Galdes, iben
John,
imwieled Qormi fis-16
ta'
marzu, 1955

Illum, 11 ta' marzu, 2002

Il-Qorti,
Rat ið-ðitazzjoni kontra l-imputat
1. talli fl-Imsida fid-19 ta' íunju, 2000 volontarjament óassar, æamel ósara jew æarraq ówejjeí óaddieóor, mobbli jew immobbli, liema ósara tammonta æal aktar minn Lm50 iúda anqas minn Lm500;
2. talli kiser il-kondizzjoni mposta mill-Qorti tal-Maíistrati fl-10 ta' april, 2000.

Rat in-nota tal-Avukat Íenerali fejn ta l-kunsens tieæu biex dan il-kaú jiíi trattat bi proðedura sommarja.

Rat ið-ðertifikat tal-mewt ta' l-imputat li jindika li l-imputat miet fit-13 ta' diðembru, 2001.

Æaldaqstant, tiddikjara l-proðediment kontra l-imputat estint.